# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

**ONOR. IMHALLEF**

**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum l-Erbgha 15 ta` Dicembru 2021**

Fl-atti tar-rikors nru **70/2020 ISB** fl-ismijiet:

**Nassell Aviation Ltd (C69055)**

Vs

**X**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors li pprezenta r-Ricevitur Ufficjali, bhala stralcjarju tal-kumpannija xjolta **Nassell Aviation Ltd (C69055)** fit-2 ta' Novembru 2021, li permezz tieghu talab, wara li ta rendikont tax-xoghol minnhu mwettaq, sabiex jigi ffissat ammont li ghandu jithallas lill-istralcarju bhala spejjes u remunerazzjoni dovuti lilu;

Rat l-atti tal-istralc;

Billi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta` stralcjarju;

Billi l-Qorti hija tal-fehma li l-istralcjarju ghandu jithallas l-ammont ta` **elf Ewro (€1000)**, liema ammont ghandu jinkludi kwalsiasi spejjez li nkorra u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jekk applikabbli.

**GHALDAQSTANT, in vista ta' dak hawn fuq espost, tghaddi biex tiddeciedi dwar it-talba tal-istralcjarju, kif dedotta fir-rikors tieghu hawn fuq msemmi, billi tistabilixxi l-ammont ta` elf Ewro (€1000) bhala ir-rimunerazzjoni tieghu, liema ammont ghandu jikkomprendi kwalsiasi spejjez li nkorra ghall-fini tal-esekuzzjoni tal-inkariku tieghu u t-taxxa fuq il-valur mizjud jekk applikabbli.**

**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**